MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 380/2006/1

**Rikors Numru: 380/2006/JAB**

**Harbour Management Limited (C29326)**

**vs**

**Anna Stanley (K.I. 85241M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Illi fit-23 ta' Mejju 2011 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ppronunzjat s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Qorti,*

*Rat ir-rikors in esami li bih is-socjeta' attrici talbet sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess socjeta' attrici s-somma*

*ta' elfejn, mija u sebgha u tletin liri u disghin centezmu (Lm2137.90,0) liema somma hija dovuta (a) kwantu ghal Lm1387.35,0 skont fattura numru 000880 datata 25 ta' Awwissu 2005, (b) kwantu ghal Lm413.55,0 skont fattura numru 001593 datata 10 ta' April 2006, u (c) kwantu ghal Lm337.00,0 skont fattura numru 830 datata 12 ta' Settembru 2006 (kopji Dok 'A' sa 'C' annessi mal-avviz) u dan dwar servizzi ta' 'hard standing rent' u VAT relattiv skont kif indikat fuq l-istess fatturi.*

*Bl-ispejjez tal-avviz u tal-ittra nterpellatorja datata 30 ta' Ottubru 2006 (kopja dok 'D' annessa mal-avviz), bl-imghaxijiet bl-oghla rata skont il-ligi, id-dati ta' hrug tal-fatturi hawn qabel indikati sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.*

*Rat id-dokumenti annessi mal-istess rikors a fol 2 sa fol 5 tal-istess atti u markati numru 'A' sa 'D'.*

*Rat ir-risposta tal-konvenuta (fol 12 ibid) u li biha esponiet bir-rispett:-*

*1. Illi preliminarjament l-esponent mhix il-legittimu kuntradittur u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzjoni stante li hija la f'isimha proprju u lanqas f'isem terzi, qatt ma dahlet fl-ebda ftehim mas-socjeta' attrici dwar 'hard standing rent' ta' xi dghajsa;*

*2. Illi, in oltre u preliminarjament ukoll, l-esponenti lanqas ma hi l-proprjetarja tad-dghajsa msemmija, cioe' Mariah Speed Boat, u ghalhekk ukoll ghandha tigi liberta mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra r-rikorrenti ghaliex mhiex il-legittimu kuntradittur;*

*3. Illi, subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra rrikorrenti stante li fl-ewwel lok kien gie maqbul bejn is-socjeta' rikorrenti u terzi li ma kellu jithallas l-ebda 'hard standing rent' ghal din id-dghajsa in kwistjoni, u fit-tieni lok, din id-daghjsa sfat misruqa u ddannegjata meta kienet taht il-kustodja tas-socjeta' rikorrenti;*

*4. Salv risposta ulterjuri.*

*Rat l-atti kollha tal-kawza specjlament in-noti rispettivi tal-partijiet a fol 72 u fol 85 et seq ibid.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, kif jidher mill-atti, specjalment in-noti rispettivi msemmija gew trattati, f'daqqa, il-punti kollha sollevati fir-risposta tal-konvenuta avolja tnejn (2) mill-eccezzjonijiet huma ta' natura preliminari.*

*Ghalhekk il-Qorti ser taghti sentenza wahda bl-eccezzjonijiet preliminari jigu decizi l-ewwel u, jekk ikun il-kaz, imbaghad tigi deciza t-tielet wahda.*

*Ikkunsidrat*

*Illi l-ewwel zewg eccezzjonijiet jirreferu ghall-kwistjoni dwar jekk il-konvenuta ghandhiex tkun ikkundananta bhala l-legittimu kontradittur f'dan il-kaz. Difatti hi tikkontendi li hi, la 'proprio' la 'nomine' ma dahlet f'xi ftehim mas-socjeta' attrici in rigward il-materja in esami.*

*Inoltre hi mhijiex is-sid tad-dghajsa in kwistjoni.*

*Illi dwar dak li ghadu kemm intqal:-*

*a) Pierre Balzan (fol 22 et seq ibid) xehed illi hu direttur tas-socjeta' attrici u skont hu '… il-konvenuta .. kienet awtorizzat lil certu Stephen Micallef sabiex f'isimha jinnegozja sabiex jtella' id-dghajsa taghha fuq l-art go Manoel Island' u dan sabiex jsiru xi riparazzjonijiet, liema xoghlijiet kienu saru. Dwar Stephen Micallef, hu kien jafu bhala kummercjant esercenti l-kummerc taht l-isem ta' 'Stephen's Boat Care' skond dejjem l-istess xhud 'L-inkarigu moghti lil Stephen Micallef kien gie, fil-fatt, ikkonfermat maghna kemm mill-konvenuta anki wkoll minn binha Christopher Stanley' oltre minn l-istess Micallef. Pero` sussegwentment, hu qal li l-istess xoghol kien gie ordnat minn 'Stephen's Boat Care' u kien l-istess*

*Micallef li segwa x-xoghol waqt li kien qed jigi esegwit. In kontroezami hu sema', in konnessjoni mal-fatturi esebiti numru a fol 2 sa 4 tal-atti illi tnejn minnhom intbaghtu lil 'Satariano Ltd', li kien jaf lill-konvenuta hi oht Ray u Giorgio Satariano u lkoll huma diretturi ta' din is-socjeta'.*

*Hu rega' tenna li x-xoghol kien inghata lis-socjeta' attrici minn Stephen Micallef' li qalilna sabiex nohorgu l-kontijiet fuq Anna Stanley' u '.. fuq direzzjoni li nghata(t) lilu minn Anna Stanley'. Fl-ahharnett hu semma' li kien hemm dokumenti in konnessjoni ma' dan il-kaz li gew iffirmati mill-konvenuta b'mod specifiku, l-hekk msejha 'lift out note'. Izda wara qal li ma setax jghid min kien iffirma dan id-dokument waqt li obbliga ruhu li jesebixxi dan id-dokument jekk jirrintraccah. Inoltre, fil-konfront li sar ma' Stephen Micallef hu semma' li, lill-konvenuta 'qatt ma kellimtha fuq din id-dghajsa hlief darba wahda biss meta ppruvajt nigbor il-flus dovuti'.*

*b) Stephen Micallef (fol 38, fol 44, fol 58 u fol 65 et seq ibid) kif jidher mill-atti l-ewwel gie prodott' viva voce' fejn qal illi kien inkariga lis-socjeta' attrici sabiex taghmel ix-xoghol in kwistjoni waqt li Anne Stanley kienet inkarigat lix-xhud sabiex jiehu '… hsieb id-dghajsa u ghamel dak li hemm bzonn'. L-istess konvenuta kienet qaltlu li d-dghajsa kienet tappartjeni lil huha. Hu, specifika illi kienet decisjoni tieghu '.. sabiex nehodha ghand is-socjeta' attrici' u dawr din id-decizjoni kien informa lill-konvenuta. F'konfront li sar ma' Pierre Balzan hu tenna illi l-ftehim mas-socjeta' attrici kien wiehed verbali. Inoltre meta, skont hu kien tlesta x-xoghol fi zmien hmistax-il jum, hu kien informa lill-konvenuta dwar dan izda hi kienet qaltlu li ma kinetx ser tittiehed lura l-istess dghajsa ghax huha s-sid kien marid.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet in esami li bihom qed jigi kontestat minn jista' jkun il-legittimu kontradittur ghandhom jigu rilevati s-segwenti fatti rizultanti mill-provi kif esposti:*

*1. Id-dghajsa in kwistjoni ma hix proprjeta` tal-konvenuta izda tappartjeni lill-huha, David Satariano, li waqt dawn il-proceduri, ma giex prodott.*

*2. L-inkarigu moghti lis-socjeta' attrici kien wiehed verbali.*

*3. Biex intlahaq dan il-ftehim pjuttost incert dwar dak kontenut fih, ma kien hemm ebda inkontru jew xi forma ta' komunikazzjoni diretta bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuta. L-istess Pierre Balzan xehed illi l-unika darba li kkomunika mal-konventua kien dwar il-pagament tal-ammont mitlub fir-rikors in esami.*

*4. Difatti ghandu jigi rilevat illi mill-fatturi esebiti, tlieta b'kollox, tnejn minnhom intbaghtu lis-socjeta' 'Satariano Limited' waqt li kien l-ahhar wiehed biss li intbaghat direttament lill-konvenuta f'isimha proprju.*

*5. In rigward Stephen Micallef jrid jirrizulta mill-provi, b'mod car u minghajr ma jissusisti l-ebda dubju, li waqt li kien qed jiftiehem ma' Pierre Balzan, hu kien ghamilha cara illi kien qed jagixxi f'isem terza persuna, sew naturali kemm guridika. Jigi rilevat dwar dan il-punt illi f'kasijiet bhal dawn, hemm presunzjoni 'juris tantum' li persuna, f'dan il-kaz, Stephen Micallef, kienet qed tasal fi ftehim personalment sakemm ma jirrizultax, b'mod car, li hi indikat u specifikat, li kienet qed tidher, waqt il-ftehim, f'isem tali persuna. F'dan il-kaz, dak li ghadu kemm inghad ma irrizultax a sodisfazzjoni tal-Qorti u ghalhekk ma jistax jinghad illi Stephen Micallef kien ftiehem mas-socjeta' attrici f'isem il-konvenuta.*

*6. Inoltre ma jistax ma jinghadx illi Pierre Balzan kien xehed illi l-konvenuta kienet iffirmat xi dokumenti. Pero` dawn ma gewx prodotti bhala prova f'dawn il-proceduri.*

*Ikkunsidrat*

*Illi, fid-dawl u fl-isfond ta' dak kollu premess, il-Qorti tara li ghandha tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet kif u, konsegwentement, ma hemmx il-htiega li tezamina u tiddeciedi t-tielet eccezzjoni li tinvolvi l-mertu ta' dan il-kaz.*

*Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa' l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni u ghal hekk tillibera lill-konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju. In rigward l-ispejjes fic-cirkostanza*
*ta' dan il-kaz, kull parti ghandha tbati l-ispejjes taghha. B'riserva 'si et quatenus' ta' kull dritt spettanti lis-socjeta' attrici kontra persuni ohrajn in konnessjoni mal-istess materja."*

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta' Harbour Management Limited datat 10 ta' Gunju 2011 fejn talbet lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnha mressqa tilqa' l-appell taghha u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tat-8 ta' Novembru 2011.

Rat ir-risposta ghall-appell u appell incidentali ta' Anna Stanley datata 2 ta' Novembru 2011 a fol 13 tal-process fejn sostniet ghar-ragunjiet hemm indikati li s-sentenza tal-Ewwel Qorti kellha tigi kkonfermata fejn cahdet it-talba attrici, izda tigi varjata fejn ghandha ssib lis-socjeta' attrici unikament responsabbli ghall-ispejjez kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-8 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Luigi Sansone ghas-socjeta` appellanti, u Dr. Jonathan De Maria ghall-appellat. Dr. Sansone ta ruhu b' notifikat bir-risposta tal-appell u l-appell incidentali, u rribatta ghall-istess verbalment. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza ghas-26 ta' April 2012.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-ismijiet premessi datata 23 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-aggravji tas-socjeta' appellanti huwa fis-sens li sar apprezzament hazin tal-provi ghaliex fil-verita' gie ppruvat li Stephen Micallef kien qed jagixxi ghan-nom tal-appellata u ghalhekk l-istess appellata hija l-legittimu kontradittur, ghaliex huwa kien qed jagixxi bhala mandatarju tal-istess Anna Stanley; inghad ukoll li l-fatt li daghjsa ma kienitx proprjeta' tal-appellata ma kienx relevanti ghall-finijiet tal-vertenza; u li la darba l-Qorti kienet konvinta li Stephen Micallef kien wassal ghal ftehim f'ismu, mela allura l-Qorti messa sejhet fil-kawza lil Stephen Micallef.

Illi minn dan jirrizulta li l-appell odjern huwa bazikament imsejjes sostanzjament fuq l-allegazzjoni li sar apprezzament hazin tal-fatti mil-Ewwel Qorti. Ghalhekk din il-Qorti qeghda tintalab tqanqal l-apprezzament tal-fatti li sar mill-Ewwel Qorti. F'dan ir-rigward, issir riferenza ghas-sentenzi **"Dhalia Investments Limited vs Gloria Pont"** – A.I.C (RCP) – 6 ta' Dicembru 2011); **"Angelo Bilocca vs Joseph Mary Cardona"** (A.I.C. (RCP) – 11 ta' Ottubru 2011); **"Carmel Zammit et vs Anthony Lia"** (A.I.C. (RCP) – 29 ta' Ottubru 2009) u **"Noel Cutajar vs Graziella Zahra"** (A.I.C. (RCP) – 11 ta' Ottubru 2011) fejn inghad li sabiex din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni tvarja jew thassar il-konkluzjoni tal-Ewwel Qorti jew Tribunal, hija trid tkun sodisfatta illi d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jew Tribunal giet ezercitata manifestament hazin. F'dan is-sens, hija s-sentenza fl-ismijiet **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs AX Construction Limited"** (A.C. - 4 ta' Lulju 2008) fejn il- Qorti rriteniet illi:-

*"Il-Qorti tal-Appell, bhala qorti ta' revizjoni, ma tindahalx in linea ta' massima, fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti hlief meta jkun manifestament ezercitat hazin, jew ghal xi motiv iehor gravi u f'materja ta' rilevanza jew superfluwita` ta' xhieda, Qorti tat-tieni grad bhala regola ma tiddisturbax ir-regolament tal-ewwel tribunal, jekk mhux ghal motivi gravi".*

Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Phyliss Ebejer et vs Joseph Aquilina"** (A.C. – 10 ta' Jannar 1995 – Vol. LXXIX.i.248) inghad li l-Qorti tal-Appell tiddisturba id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f''kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti. Jinghad li tal-istess portata huma d-decizjonijiet **"Ruth Spiteri vs. Emmanuel Vella"** (A.I.C. – 5 ta' Marzu 2003) u **"Hilda Debrincrat vs Mario Farrugia** (A.I.C. (Ghawdex) – 14 ta' Lulju 2004); u **"Joseph Grech Sant vs L-Avukat Dottor Riccardo Farrugia et nomine"** (A.C. – 28 ta' Frar 1997); u **"Hans Jocham Link et vs Raymond Mercieca"** (A.I.C. – 12 ta' Jannar 2001).

Illi fis-sentenza **"SMS Insurance Agency Limited nomine vs Air Malta Co. Limited et"** (A.I.C. (RCP) – 28 ta' Mejju 2009) inghad ukoll li:-
"*gie kostantament ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali illi jikkonvincu lill-Qorti ta' revizjoni illi l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat illi altrimenti tkun ser tigi krejata ingustizzja. Dan ghaliex huwa car li l-Ewwel Qorti kellha l-opportunita` li tisma' x-xhieda viva voce u kienet f'qaghda ferm aktar favorevoli biex tifforma opinjoni obbjettivament korretta tal-kredibilita` o meno taghhom. Vantagg li l-Qorti ta' l-Appell generalment m'ghandhiex. (ara **"Elena Magri et vs Rosaria sive Rosa Borg"** (A.C. – 10 ta' Frar 1961); **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001); **"Carmelo Agius vs John Agius"** (A.C. (Inferjuri) – 2 ta' Dicembru 1994); **"Ruth Spiteri vs Emanuel Vella noe"** (A.I. C. – 5 ta' Marzu 2003) u recentement **"Dr. Adrian's Garden Centre Co. Limited vs A.X. Construction Limited"** (A.C. – 4 ta' Lulju, 2008))".*

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Brigitte Vella pro et noe vs Richard Vella"** (A.C. - 5 ta' Ottubru 2001) gie kkonfermat li:-

*"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita' li minhabba fih ma tkunx tista'*

*tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "in dubio pro reo". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghall-izbalji tal-percezzjoni tieghu u ghall passjoni, huwa haga li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx gej minn semplici differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu certu grad ta' tolleranza u li ghalihom sewwa inghad "tot homines tot sentetiae", u lanqas ma jkun gej minn versjonijiet differenti "bona fide" fuq incidenti li jigru u jintemmu malajr u ghalarieda e.g. identita', velocita' ta' veikoli, u cirkostanzi ohra subitanei li fuqhom skond l-esperjenza komuni, s-sensi jistghu jitqarqu, imma ghall kuntrarju dan dan il-konflitt jkun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setghu gew osservati f'perjodu twil ta' snin bhal f'dan il-kaz, allura isir car li wiehed mill-kontendenti jkun halla l-interess u l-passjoni tieghu jeghlbuh u b'hekk jabbuza mill-process gustizzja. Meta l-kaz ikun hekk il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma ghandha tezimina bl-ikbar reqqa jekk xi wahda mill-versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke jekk fuq bilanc tal-probabilita' u preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall konvinciment tal-gudikant".*

Illi din il-kawza tistrieh biss fuq il-kredibilita' tax-xhieda u wkoll fuq jekk is-socjeta' attrici ppruvatx l-allegazzjonijiet taghha fil-grad rikjest mill-ligi, u allura wkoll fuq l-apprezzament li l-Ewwel Qorti ghamlet fuq id-deposizzjonijiet tal-kontendenti u x-xhieda minnhom prodotti u d-dokumenti prodotti in sostenn tat-talba attrici.

Illi dwar il-provi li ghandha tressaq is-socjeta' attrici din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Joseph Tonna vs Philip Azzopardi"** (A.I.C. (PS) 12 t'April, 2007) fejn inghad illi:-

*"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti flordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:*

*a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova tal-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor) – Ara Vol. XLVI/i/5.*

*b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi tal-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;*

*c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew tal-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;*

*d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju* ***Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco*** *– App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)".*

Illi tenut kont ta’ dan kollu, u wara li ezaminat l-atti kollha processwali, din il-Qorti thoss li l-apprezzament li sar mill-Ewwel Qorti, kien wiehed li sar skond id-diskrezzjoni moghtija lilha tenut kont tal-fatt li kienet hija li semghet il-provi, u fil-fatt jirrizulta li l-istess Qorti mxiet sew fuq ir-regoli ta’ provi hawn citati u ndikati fil-kawza "**Maria Xuereb et vs Clement Gauci et**" (A.I.C. (P.S.) 24 ta' Marzu 2004) fis-sens li:-

*“Huwa pacifiku f’materja ta’ konflitt ta' versjonijiet illi l-Qorti kellha tkun gwidata minn zewg principji fl-evalwazzjoni tal-provi quddiemha:*

*Li taghraf tislet minn dawn il-provi korroborazzjoni li tista' tikkonforta xi wahda miz-zewg verzjonijiet bhala li tkun aktar kredibbli u attendibbli minn ohra; u*

*Fin-nuqqas, li tigi applikata l-massima "actore non probante reus absolvitur.*

*Fi kliem iehor il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibbilta" u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f’kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant.”.*

Illi kif gie dikjarat fis-sentenza **“George Bugeja vs Joseph Meilak”** moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Ottubru 2003:-

“*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabbiltajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma.dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabbiltajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-*

*kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli".*

Illi huwa f'dan il-kuntest li din il-Qorti rat l-atti kollha relattivi fejn jirrizulta li s-socjeta' attrici allegat li kien intlahaq ftehim mal-appellata fuq il-mertu tal-kawza odjerna, tant li saret insistenza fuq l-allegazzjoni li certu Stephen Micallef kien inkariga lis-socjeta' attrici ghan-nom tal-appellata, u wkoll gie allegat li kienu ffirmati dokumenti minn Anna Stanley stess sabiex jippruvaw dan (ara xhieda Pierre Balzan tas-26 ta' Mejju 2008 – fol. 22).

Illi izda jirrizulta fil-fatt, li l-ebda ftehim ma gie esebit mis-socjeta' attrici u certament lanqas wiehed iffirmat mill-appellata, u ghalhekk dak li gie allegat mis-socjeta' attrici/appellanti f'dan ir-rigward ma giex ippruvat.

Illi fit-tieni lok jirrizulta mix-xhieda ta' Stephen Micallef li ghalkemm huwa kien inkarigat jiehu hsieb id-daghjsa minn Anna Stanley, huwa bl-ebda mod ma ikkuntratta mas-socjeta' appellanti ghan-nom tal-istess Anna Stanley, tant li l-imsemmi Pierre Balzan jghid li *"ix-xoghol in kwistjoni gie orndnat minn Stephen's Boat Care. Fil-fatt kien l-istess Stephen Micallef li segwa ix-xoghol waqt li kien qed isir".* Illi huwa veru li wara l-istess xhud jghid li ghalkemm Stephen Micallef iddilja mieghu direttament, dan ghamel hekk fuq direzzjoni ta' Anna Stanley, tant li qallu sabiex jinhareg il-kont fuq Anna Stanley, izda fil-fatt jidher li l-kont lanqas hareg ghall-ewwel fuq Anna Stanley, proprju kif jidher mill-fatturi datati 25 ta' Awissu 2005 (fol. 2) u 10 ta' April 2006 (fol. 3) esebiti mill-istess socjeta' attrici mal-Avviz tal-kawza.

Illi mhux hekk biss, izda Stephen Micallef fix-xhieda tieghu tal-1 ta' Dicembru 2008 (fol. 37) kien kategoriku meta sostna li *"kienet decizjoni tieghi sabiex nehodha ghand is-socjeta' attrici"* , u l-istess rega' qal fl-affidavit tieghu datat 19 ta' Mejju 2009 (fol. 46) u allura jidher car li l-allegazzjoni attrici hija kontestata minn Stephen Micallef stess, u dan apparti l-fatt li l-appellata fix-xhieda taghha tad-19 ta' Mejju 2009 (Dok. "B" – fol. 45) kienet kategorika fis-sens li hija biss qabdet lil Stephen Micallef sabiex jiehu

hsieb l-istess daghjsa u qatt ma nkarigatu li jaghmel xi arrangamenti f'isimha mas-socjeta' attrici, u ghalhekk jidher car li minn dan kollu l-aggravji tas-socjeta' appellanti huma bla ebda bazi fattwali u legali u qed jigu rigettati.

Illi dwar dak li jinghad mis-socjeta' appellanti li l-Qorti kellha tordna l-kjamata fil-kawza tal-imsemmi Stephen Micallef, dak kollu sottomess fuq dan il-punt huwa manifestament zbaljat legalment, u dan iktar u iktar in vista tal-eccezzjoni sollevata mill-appellata li hija ma kienitx il-legittimu kontradittur. Kienet is-socjeta' attrici li kellha, jekk hasset li kellha taghmel din it-talba, haga li ma ghamlitx, u l-Ewwel Qorti kull ma kellha taghmel kienet biss li tiddeciedi t-talba attrici fid-dawl tal-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta. B'hekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

Illi jibqa' l-appell incidentali fis-sens li la darba gew milqugha l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta, mela allura l-ispejjez tal-kawza kellhom jigu sopportati mis-socjeta' attrici u mhux kif deciz mill-Ewwel Qorti li kull parti thallas l-ispejjez taghha. Fuq dan il-punt jirrizulta li l-appellata ghandha ragun ghaliex ma hemm l-ebda raguni il-ghala l-konvenuta kellha tbati l-ispejjez taghha, ghaliex jidher u jirrizulta li l-Ewwel Qorti bla riserva accettat l-ewwel zewg eccezzjonijiet sollevati minnha, u fuq kollox l-ewwel eccezzjoni li hija ma kienitx il-legittimu kontradittur, u allura din il-Qorti ma tarax ghaliex logikament l-ispejjez ma ghandhomx jigu sopportati kollha mis-socjeta' attrici, u dan in vista ta' dak ritenut mill-Ewwel Qorti dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, li hija laqghet ghar-ragunijiet ben indikati fl-istess decizjoni, b'dan allura li l-istess decizjoni tal-Ewwel Qorti qed tigi riformata f'dak li huwa l-kap tal-ispejjez li ghandu jigu sopportat interament mis-socjeta' attrici, u ghalhekk u f'dan is-sens l-appell incidentali qed jigi milqugh.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-appellata datata 2 ta' Novembru 2011 biss in kwantu l-istess hija

konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mis-socjeta' appellanti Harbour Management Limited fir-rikors tal-appell taghha datat 10 ta' Gunju 2011 u dan ghaliex huwa nfondat fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, izda tilqa' l-appell incidentali tal-appellata Anna Stanley datat 2 ta' Novembru 2011, b'dan li din il-Qorti tirriforma d-decizjoni fl-ismijiet premessi "Harbour Management Limited vs Anna Stanley" datata 23 ta' Mejju 2011 (Avviz Numru 380/06/JAB) fis-sens li tikkonfermaha in kwantu cahdet it-talba attrici u laqghet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta, izda tvarjaha in kwantu kkundannat li kull parti tbati l-ispejjez taghha, b'dan li minflok qed jigi deciz li l-ispejjez kollha, nkluzi tal-Ewwel Istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' attrici appellanti.**

**Bl-ispejjez tal-appell u l-appell incidentali a karigu tas-socjeta' appellanti Harbour Management Limited.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------